MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Numru 283/2001

Il-Pulizija
(Sp Norbert Ciappara)
vs
Kenneth Mamo, iben Joseph,
imwieled Pieta' fil-25 ta' ottubru,
1981

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' bejn l-4 ta' mejju, 2001 u il-5 ta' mejju, 2001, u f'dawn l-aħħar ġranet qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviż Legali 22 ta' l-1985, kif sussegwentement emendat u ir-Regolamenti 35B u 89A u it-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kapitolu

31 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985, kif emendat, liema droga nstabet f'tali ċirkostanżi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tie1għu;
2. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi, ikkonsenja mediċina ristretta u psikotropika lil xi persuna oħra li ma kienx spizjar diliġenti, jew ma kienx xorta oħra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tiegħu bi ksur tar-Regolament 10(2) tal-Avviż Legali 22 ta' l-1985, kif sussegwentement emendat u ir-Regolamenti 35B u 89A u it-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Att V ta' l-1985, kif emendat;
3. talli matul dawn l-aħħar sitt xhur ta' qabel il-5 ta' mejju, 2001 kellu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-9 ta' ottubru, 2002 li biha ta l-kontro-ordni biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' april, 2004 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputat jista' jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' mejju, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat

ir-Regolamenti 5(1), 10(2), 35B u 89A tal-Avviż Legali 22 ta' l-1985, it-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta), l-artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985 u
l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.
Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi
l-imputat għandu fedina penali netta, ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u jista' jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' tletin (30) ġurnata priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' mitejn liri maltin (Lm200). Il-perjodu ta' l-arrest preventiv għandu jitnaqqas minn tali piena. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' erbgħa u tletin liri maltin u ħamsa u għoxrin ċentesimu (Lm34.25) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' esperti. Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti u tordna d-distruzz-
joni tad-droga eżebita.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------